

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-aċċess taż-żgħażaġh għal drittijiet
għat-trawwim tal-awtonomija u l-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà ċivili**

(2015/C 18/01)

IL-KUNSILL,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI LI:

1. Il-Kunsill, fil-qafas tal-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2014-2015⁽¹⁾, stabbilixxa t-tema tar-responsabbilizzazzjoni taż-żgħażaġh bħala l-prijorità globali tat-triju tal-Presidenzi (IT, LV, LU), b'attenzjoni fuq l-aċċess għad-drittijiet, l-awtonomija, il-parteċipazzjoni politika u ċ-ċittadinanza attiva.
2. Iż-żgħażaġh għadhom affettwati b'mod negattiv mill-kriżi ekonomika u soċjali li kkaratterizzat dawn l-aħħar ftit snin. B'konsegwenza tal-bidliet demografiki, il-qgħad fost iż-żgħażaġh u l-għoti ta' impjeg b'kondizzjonijiet prekarji, sar iktar diffiċli għalihom li jiksbu l-awtonomija u li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod effettiv.
3. Il-livelli għoljin ta' qgħad fost iż-żgħażaġh ikkontribwixxew għat-tixrid tal-faqar, il-marġinalità u l-esklużjoni soċjali, problemi ta' saħħa kif ukoll telf ta' fiduċja fil-futur. Ir-riċerka turi wkoll li f'xi Stati Membri għadd dejjem akbar ta' żgħażaġh barra mhux qed jaħdmu, jirċievu edukazzjoni jew taħriġ (NEET)⁽²⁾ u li hemm rabta b'saħħitha bejn l-istatus soċjoekonomiku u l-parteċipazzjoni politika: Meta mqabbla mal-kumplement tal-popolazzjoni żagħżugħa, hemm probabbiltà inqas li n-NEET jivvotaw⁽³⁾, in-NEET għandhom inqas fiduċja fl-organizzazzjonijiet politiċi u huma inqas involuti fil-parteċipazzjoni ċivika.
4. Madankollu, iż-żgħażaġh jirrappreżentaw riżorsa siewja għas-soċjetà. Il-ħiliet, il-kompetenzi u l-kapaċità kreattiva u innovattiva tagħhom għandhom jitqiesu fl-implimentazzjoni ta' strateġiji għall-politika dwar iż-żgħażaġh fuq livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali.

KONXJU:

5. Li hemm indikazzjonijiet li iż-żgħażaġh qed isiru awtonomi⁽⁴⁾ ta' età akbar milli fl-imgħoddi.
6. Li t-tnaqis fir-ritmu ekonomiku, aggrava l-inugwaljanzi interġenerazzjonali u jista' jkollu effetti dejjiema fuq il-koeżjoni soċjali u s-solidarjetà tas-soċjetajiet tagħna.

(1) Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ (2014/C 183/02).

(2) Studju tal-EUROFOUND – "NEETs - Żgħażaġħ barra mill-edukazzjoni, l-impjeg jew it-taħriġ: Karatteristiċi, spejjeż u risponsi politiċi fl-Ewropa" <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1254.htm>

(3) "Statistika deskrittiva għal persuni ta' bejn 15 u 29 sena turi li NEET huma sostanzjalment anqas involuti fil-politika mill-bqija tal-popolazzjoni żagħżugħa" (Studju tal-EUROFOUND – "NEETs - Żgħażaġħ barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ: Karatteristiċi, spejjeż u tweġibiet politiċi fl-Ewropa", p. 95) <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1254.htm>

(4) Kondizzjoni preliminari għall-awtonomija taż-żgħażaġh timplika li iż-żgħażaġh għandhom l-appoġġ, ir-riżorsi u l-opportunitajiet meħtieġa biex jagħżlu li jgħixu b'mod indipendenti, biex imexxu ħajjithom, biex jipparteċipaw soċjalment u politikament b'mod sħiħ fis-setturi kollha tal-ħajja ta' kuljum, u biex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet indipendenti. Il-kapaċità taż-żgħażaġh li jsiru awtonomi mhijiex biss inkorporata fil-qasam tax-xogħol, iżda tkopri wkoll il-kapaċità taż-żgħażaġh li jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom, jagħmlu l-għażliet tagħhom stess u jgħixu b'mod indipendenti permezz tal-għodod li għandhom biex jipparteċipaw b'mod kritiku u attiv fil-ħajja soċjali, politika u ekonomika tal-komunitajiet tagħhom stess.

7. Li l-mobbiltà taż-żgħażaġh fl-Ewropa li qiegħda tiżdied, anki minħabba t-ftittxija għall-impjiegi f'pajjiżi oħra, teħtieġ attenzjoni adegwata, sabiex issir opportunità reali għall-iżvilupp personali u professjonali taż-żgħażaġh. F'dan ir-rigward, il-programm Erasmus+ jista' jaqdi rwol importanti fil-promozzjoni ta' awtonomija u parteċipazzjoni akbar fil-ħajja soċjali għaż-żgħażaġh permezz tal-mobbiltà kif ukoll it-titjib ta' ħiliet u kompetenzi importanti għall-impjegabbiltà u ċ-ċittadinanza.
8. Tal-konklużjonijiet konġunti ⁽¹⁾ tal-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ, 13-15 ta' Ottubru 2014, Ruma ⁽²⁾.

FILWAQT LI JIRRIKONNOXXI L-ISFIDI EWLENIN LI ĠEJJIN:

9. L-azzjoni kkombinata tal-fatturi kkawżati mill-kriżi ekonomika u soċjali, bħat-tnaqqs fid-dħul finanzjarju, in-nuq-qas ta' xogħol u instabbiltà akbar fl-impjiegi, naqqset il-ħila taż-żgħażaġh li jsiru awtonomi ⁽³⁾.
10. Għaldaqstant, issa jeħtieġ li jiġu żviluppatti miżuri u politika adatti biex jappoġġaw l-awtonomija taż-żgħażaġh u t-transizzjoni tagħhom għall-ħajja adulta. Dan ma jinvolvi biss azzjoni b'rabta ma' politiki li jiffavorixxu t-transizzjoni taż-żgħażaġh mill-edukazzjoni għax-xogħol, iżda wkoll fuq oqsma relatati bħall-aċċess għall-finanzjament, is-saħħa u l-ġid u l-parteċipazzjoni politika u ċivika, sabiex jingħataw l-għodod meħtieġa biex iż-żgħażaġh jiġu meħjuna jsiru awtonomi u jieħdu sehem fil-ħajja soċjali.
11. Bil-għan li jiġi żgurat l-aċċess taż-żgħażaġh għal drittijiet, l-UE teħtieġ li tiffoka, fost l-oħrajn, fuq il-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh, it-trawwim ta' ċittadinanza attiva u t-tnaqqs tad-diskrepanza bejn il-ħiliet u l-kompetenzi li jiksbu iż-żgħażaġh u dawk mitluba mis-suq tax-xogħol filwaqt li tippermettilhom li jikkontribwixxu għall-ħolqien sostenibbli ta' impjiegi ġodda billi tippromwovi edukazzjoni ta' kwalità għolja kif ukoll it-titjib tal-komunikazzjoni ta' ħiliet u kompetenzi ta' gradwati lil min iħaddem.

FDAN IR-RIGWARD IQIS LI:

12. Fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn is-setturi fil-politika dwar iż-żgħażaġh, l-UE u l-Istati Membri, fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom u bir-rispett xieraq tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, jistgħu jipromwovu miżuri, fejn xieraq, li jindirizzaw il-kwistjonijiet li ġejjin:
- l-appoġġ tal-awtonomija u l-ġid taż-żgħażaġh u l-indirizzar u l-prevenzjoni tal-forom kollha ta' diskriminazzjoni li jħabbtu wiċċhom magħhom haġna għażaġh;
 - investment biex iż-żgħażaġh isiru aktar konxji mid-drittijiet tagħhom u kif iħaddmuhom;
 - appoġġ għall-involviment taż-żgħażaġh fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet fuq kull livell u permezz tar-rikonox-ximent tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh bħala mezz importanti għas-sehem u l-iżvilupp ta' ċittadinanza attiva;
 - li nkomplu nimxu fit-triq li ttieħdet lejn ir-rikonoxximent tal-ħidma fost iż-żgħażaġh bħala strument biex iheg-geġ is-sehem u l-kisba ta' ħiliet u kompetenzi importanti għall-kisba tal-awtonomija;
 - li tingħata spinta lill-oppunitajiet għas-sehem u l-kontribut tagħhom għall-ħajja komunitarja, anki permezz tal-mezzi tax-xandir u t-teknoloġija tal-informazzjoni, partikolarment fir-rigward ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw liż-żgħażaġh direttament;
 - appoġġ għall-edukazzjoni dwar il-litteriżmu diġitali u fil-mezzi tax-xandir bħala mezz kif jitrawmu l-imħuħ kri-tiċi taż-żgħażaġh u ċ-ċittadinanza attiva;
 - appoġġ għar-rikonoxximent u l-validazzjoni ta' ħiliet u kompetenzi miksuba permezz ta' taġħlim mhux formali u informali bħal attivitajiet volontarji u t-trawwim tas-sehem taż-żgħażaġh fil-ħajja ċivika, soċjali u politika;

⁽¹⁾ Dok. 14429/14.

⁽²⁾ Dawn il-konklużjonijiet konġunti ġew adottati mill-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ f'Ruma li hija avveniment informali rikorrenti organizzat mill-pajjiżi tal-Grupp tal-Presidenza bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea bħala parti integrali mid-djalogu strutturat kif adottat mill-Kunsill permezz tar-Riżoluzzjoni (2009/C 311/01) dwar il-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh u r-Riżoluzzjoni (2014/C 183/01) dwar il-ħarsa ġenerali tal-proċess ta' djalogu strutturat inkluża l-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġh.

⁽³⁾ <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1404.htm>

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, B'KONSIDERAZZJONI DOVUTA GĦALL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX:

13. Jagħmlu progress lejn l-identifikazzjoni ta' ostakli għas-sehem taż-żgħażaġħ fil-ħajja soċjali u politika, filwaqt li jikkunsidraw l-introduzzjoni possibbli ta' miżuri biex jindirizzaw dawn l-ostakli.
14. Jagħmlu hilitom biex jippromwovu l-fatt li ż-żgħażaġħ għandhom aċċess għal impjiegi ta' kwalità b'paga ġusta u protezzjoni soċjali, li jippermetti li ż-żgħażaġħ ikunu awtonomi u jkollhom ħajja sikura u dinjituża.
15. Jippromwovu opportunitajiet indaqs u ugwaljanza bejn is-sessi għaż-żgħażaġħ, fost l-oħrajn fl-oqsma tal-ħajja soċjali, ekonomika u politika. Jikkunsidraw li jieħdu passi biex jiżguraw li ż-żgħażaġħ ikunu jistgħu jirrikonċiljaw ix-xogħol u l-ħajja privata.
16. Jinvestu f'miżuri ta' prevenzjoni u intervent għat-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola, speċjalment permezz tat-tfassil ta' politika mmirata biex tipprovi aċċess ugwali għal edukazzjoni ta' kwalità u toffru appoġġ immirat għat-titjib tal-ambjenti tal-iskejjel. Għandha tingħata attenzjoni wkoll lit-tneħħija tal-ostakli għall-kisba miż-żgħażaġħ tal-potenzjal sħiħ tagħhom fl-edukazzjoni.
17. Jippromwovu l-ħidma fost iż-żgħażaġħ, b'kont meħud tas-sejbiet tal-istudju dwar il-valur tal-ħidma fost iż-żgħażaġħ⁽¹⁾, bħala għodda fundamentali biex iż-żgħażaġħ ikunu jistgħu jiżviluppaw l-inizjattivi proprji tagħhom u jappoġġaw it-transizzjoni taż-żgħażaġħ lejn l-età adulta.
18. Jikkunsidraw li jippromwovu l-iżvilupp ta' skemi ta' akkomodazzjoni soċjali⁽²⁾ li jikkonċentraw b'mod partikolari fuq żgħażaġħ bi dħul baxx, bħal studenti u apprendisti u iż-żgħażaġħ qiegħda.
19. Jikkunsidraw modi kif jippromwovu l-istabbiliment ta' skemi għaż-żgħażaġħ bil-għan li jappoġġaw il-proġetti intra-prenditorjali tagħhom.
20. Jappoġġaw l-iżvilupp tas-servizzi ta' informazzjoni maħsuba għaż-żgħażaġħ li tista' tgħin biex tinforma liż-żgħażaġħ dwar l-aċċess tagħhom għal drittijiet.
21. Jappoġġaw l-aċċess taż-żgħażaġħ għall-ħajja kulturali bil-ħsieb li tgħinhom jikkontribwixxu għall-bini ta' soċjetà aktar koeżiva.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, U LILL-KUMMISSJONI, FL-ISFERI TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĤHOM U B'KONSIDERAZZJONI DEBITA GĦALL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, U FILWAQT LI JIRRISPETTAW IR-RESPONSABBILTÀ TAL-ISTATI MEMBRI FIR-RIGWARD TAL-POLITIKI DWAR IŻ-ŻGĤAZAĤĤ, BIEX:

22. Ikomplu jinvestu fil-promozzjoni tal-awtonomija għaż-żgħażaġħ permezz tal-iżvilupp u l-appoġġ tal-politiki dwar iż-żgħażaġħ u l-ħidma fost iż-żgħażaġħ u, fejn xieraq, permezz ta' appoġġ u finanzjament adegwati għall-organizzazzjonijiet indipendenti taż-żgħażaġħ/immexxija miż-żgħażaġħ.
23. Jippromwovu l-prinċipju li l-awtonomija u l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġħ jitqiesu bħala aspett importanti li għandu jiġi kkunsidrat fl-iżvilupp ta' strateġiji soċjali u ekonomiċi fl-UE.
24. Jappoġġaw kampanji u programmi edukattivi mmirati biex iqajmu kuxjenza dwar id-drittijiet tal-bniedem (fosthom id-drittijiet ċivili u politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali) u dwar kif iż-żgħażaġħ jistgħu jgawdu dawn id-drittijiet b'mod sħiħ, bl-użu wkoll ta' netwerks eżistenti. Għandha ssir enfasi speċjali fuq iż-żgħażaġħ b'inqas opportunitajiet.
25. Jippromwovu l-użu ta' opportunitajiet eżistenti fil-programm Erasmus+, fosthom dawk marbuta mat-taħriġ għall-għalliema u dawk li jaħdmu fost iż-żgħażaġħ fuq id-drittijiet tal-bniedem (fosthom id-drittijiet ċivili u politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali) sabiex ikunu jistgħu jaġixxu ta' multiplikaturi fl-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni u taħriġ tagħhom.
26. Jiżguraw li l-Pjan ta' Ħidma tal-UE għaż-Żgħażaġħ jiġi implimentat fil-pront permezz ta' kooperazzjoni ġenwina bejn is-setturi.

⁽¹⁾ "Ħidma maż-żgħażaġħ: il-valur tal-ħidma fost iż-żgħażaġħ fl-UE" (Kummissjoni Ewropea, 2014, http://ec.europa.eu/youth/library/study/youth-work-report_en.pdf).

⁽²⁾ Soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni li jipprovi l-gvern lokali, li jistgħu jinkrew għal ammont żgħir ta' flus.

27. Jużaw il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ bħala strument biex jippromwovu riforma strutturali fl-Istati Membri u l-iskambju ta' prattika tajba fost l-Istati Membri, speċjalment dwar is-sorveljanza tal-implimentazzjoni tagħha b'rabta mat-transizzjoni taż-żgħażaġh mill-edukazzjoni għax-xogħol.
28. Jistabbilixxu skambju tal-aħjar prattiki fil-qafas tal-istrutturi eżistenti biex janalizzaw u jdiskutu s-sitwazzjoni taż-żgħażaġh rigward l-awtonomija tagħhom, is-sehem tagħhom fis-soċjetà ċivili u l-ġid tagħhom u jiżviluppaw it-titjib meħtieġ fuq il-livelli kollha.

JISTIEDEN LILL-ORGANIZZAZZJONIJET TAŻ-ŻGHAŻAĠH U LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI BIEX:

29. Jagħmlu l-aħjar użu mill-opportunitajiet offruti mill-Programm Erasmus+ u jippromwovu dan il-programm sabiex iż-żgħażaġh jiġu mgħammra bil-ħiliet u l-kompetenzi rilevanti, jappoġġaw l-awtonomija tagħhom u jhegħuhom jieħdu sehem b'mod attiv fis-soċjetà.
30. Jgħarrfu liż-żgħażaġh dwar l-aċċess tagħhom għal drittijiet b'mod ġenerali u b'mod aktar speċifiku fil-kuntest tal-attivitatijiet tagħhom u jstabbilixxu inizjattivi konkreti bħal servizzi ta' informazzjoni sabiex titqajjem kuxjenza dwar il-kwistjonijiet relatati mal-awtonomija tagħhom u l-aċċess tagħhom għad-drittijiet.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEX:

31. Tanalizza, fi ħdan l-istrumenti tal-qafas imġedded, is-sitwazzjoni u l-ostakli li jħabbtu wiċċhom magħhom iż-żgħażaġh fl-aċċess għad-drittijiet tagħhom fuq il-bażi ta' kontributi volontarji mill-Istati Membri u anki bl-involvement ta' esperti, dawk li jfasslu l-politika, rappreżentanti taż-żgħażaġh u organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili. Barra minn hekk, din l-analiżi għandha tiġi rieżaminata b'mod regolari sabiex tgħin ukoll lill-Istati Membri fl-iskambju ta' esperjenzi u prattiki tajba.
 32. Issaħħaħ l-approċċ transsettorjali lejn il-politika dwar iż-żgħażaġh u tiżgura li l-Kummissjoni tikkunsidra l-aċċess taż-żgħażaġh għal drittijiet fl-iżvilupp ta' politiki u programmi, fejn rilevanti.
 33. Tagħmel lin-nies iktar konxji minn kwistjonijiet marbuta mal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh, inkluż l-awtonomija u l-aċċess għad-drittijiet, permezz tal-Portal Ewropew għaż-Żgħażaġħ.
 34. Tipproponi u tiżviluppa miżuri mmirati biex ihegħu s-sehem taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika fl-Ewropa. F'dan ir-rigward, għandha titqies il-ħidma mwettqa mill-Kunsill tal-Ewropa u s-sħubija bejn il-Kummissjoni Ewropea u s-"Sħubija bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa fil-qasam taż-żgħażaġh".
 35. Tqis il-ħidma fuq l-inklużjoni soċjali - b'enfasi fuq is-sensibilizzazzjoni, l-aċċess għad-drittijiet soċjali, u l-ġlieda kontra forom ġodda ta' ksenofobija u diskriminazzjoni - li għaddejjja fil-qafas miftiehem għas-"Sħubija bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa fil-qasam taż-żgħażaġh".
-